# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 57/2014**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Emanuel Sant**

Illum 13 ta' Novembru, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Emanuel Sant, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 466164M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar is-27 ta' Ottubru, 2013, ghall-habta tad-09:05 AM, f'Xemxija *bypass*, San Pawl Il-Bahar:
1. Soqt cikletta bil-pedali li tahdem ukoll bl-ghajnuna ta' mutur minghajr ma kienet registrata mal-awtorita ghat-trasport f'Malta;
2. Soqt cikletta bil-pedali li tahdem ukoll bl-ghajnuna ta' mutur minghajr ma kienet koperta b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni;
3. Soqt cikletta bil-pedali li tahdem ukoll bl-ghajnuna ta' mutur mhux fuq il-bankina tul il-*bypass* b'velocita ta' mhux aktar minn sitt kilometri fis-siegha.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-4 ta' Frar, 2014, fejn il-Qorti, lliberat lill-akkuzat mit-tieni akkuza, filwaqt illi sabitu hati tal-ewwel u t-tielet akkuza, u mmultatu multa komplessiva ta' mitejn ewro (€200).
Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.
Rat ir-rikors tal-appell ta' Emanuel Sant, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-17 ta' Frar, 2014, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti tvarja u timmodifika l-istess decizjoni, filwaqt li tikkonferma sa fejn illiberatu, thassarha inkwantu sabitu hati tal-ewwel u t-tielet akkuza, filwaqt li l-esponent qieghed jirriserva li jressaq l-provi kollha fi stadju tal-appell skond il-ligi.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Emanuel Sant huma s-segwenti w *cioe'*:-

Illi fl-ewwel lok, l-fatti li jikkomponu r-reat li gie akkuzat bih l-esponent, ma giex ipprovat fit-totalita' taghhom kif ser jigi pprovat.

Illi *di piu'*, kif ser ikun ipprovat fil-kors tal-kawza, lanqas ma jirrizulta li kienet cikletta, u taqa' fid-depozizzjoni tal-ligi ghall-fini tar-realta' addebitata lill-esponent, u dan kif ser ikun hawn trattat.

Ikkunsidrat,

Illi dan hu kaz sommarju u ghalhekk din il-Qorti suppost kellha tisma mill-gdid il-provi prodotti quddiem l-ewwel Qorti.
Illi l-unika prova li tirrizulta in atti hu l-affidavit tas-surgent li waqqaf lill-appellant.

Illi l-prova ta' min kien dan il-veikolu u jekk ic-cikletta kinitx registrata saret quddiem l-ewwel Qorti. Madankollu, il-prosekuzzjoni naqset li ggib din il-prova quddiem din il-Qorti. Fic-cirkostanzi hu car li l-prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova l-kaz taghha skont il-ligi billi ma saret ebda prova li c-cikletta in kwistjoni ma kinitx registrata mal-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta.

Ghaldaqstant, din il-Qorti tilqa l-appell ta' Emanuel Sant. Thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tehles lill-appellant minn kull piena u htija.